



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 169/23

Il-Lussemburgu, 9 ta' Novembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-598/21 | Všeobecná úverová banka

Klawżola inġusta ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsum iggarantit permezz tad-dar tal-familja: il-qorti għandha tevalwa l-proporzjonalità bejn il-possibbiltà tal-bejgiegħ jew tal-fornitur li jeżiġi s-self kollu u l-gravità tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni mill-konsumatur

Fis-Slovakkja, il-bank Všeobecná úverová banka ta kreditu għall-konsum lil żewġ klijenti, li seta' jitħallas lura fuq perijodu ta' 20 sena. Il-klijenti taw bħala garanzija d-dar tagħhom. Minħabba dewmien ta' pagament bi tliet xhur ta' madwar EUR 1 000, li seħħ fl-ewwel sena tal-kuntratt, il-bank implimenta klawżola ta' skadenza tat-terminu. Din il-klawżola kienet tippermettilu jitlob ħlas kmieni tal-bilanċ kollu li jkun għadu dovut u li jibda l-bejgħ bl-irkant barra mill-qorti tad-dar tal-familja. Il-klijenti talbu lil qorti Slovakka tissospendi dan il-bejgħ bl-irkant li, fil-fehma tagħhom, jikser id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi.

Id-dritt Slovakk jippermetti l-implimentazzjoni ta' tali klawżola ta' skadenza tat-terminu jekk il-persuna li tissellef tkun tliet xhur tard fuq il-pagamenti u jekk il-persuna li ssellef tkun osservat terminu ta' preavviż addizzjonali ta' 15-il jum. Il-qorti ma humiex obbligati jistħarrġu l-proporzjonalità ta' din il-klawżola skont il-gravità tal-ksur tal-obbligi tal-konsumatur fir-rigward tal-ammont u tat-tul tal-kreditu. Il-qorti Slovakka staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tali stħarriġ ġudizzjarju huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li **l-istħarriġ ġudizzjarju tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżola għandu jinkludi l-istħarriġ tal-proporzjonalità tagħha**. Fil-fatt, hija tippreċiża li **l-klawżola ta' skadenza inkwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti** ¹.

Dan l-istħarriġ jinkludi eżami ta' kemm ikun serju n-nuqqas tal-konsumatur li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu, bħall-ammont tal-pagamenti fix-xahar li huwa ma jkunx ħallas meta mqabbel mal-ammont totali tal-kreditu u mat-tul tal-kuntratt. Barra minn hekk, **il-qorti għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi li ġġib magħha t-tkeċċija tal-persuna li tissellef u tal-familja tagħha mid-dar li tkun ir-residenza prinċipali tagħhom**, peress li d-dritt għal akkomodazzjoni huwa dritt fundamentali. **Jekk il-qorti tasal għall-konklużjoni li l-klawżola tkun inġusta, hija għandha twarrab l-applikazzjoni tagħha**.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE](#) tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur. Fil-fatt, jekk huwa minnu li l-klawżola kuntrattwali kontenzjuża tirriproduċi dispożizzjonijiet tad-dritt Slovakk, dawn jidhru li ma humiex imperattivi. Issa, il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi biss jiġġustifikaw il-preżunzjoni li l-leġiżlatur nazzjonali stabbilixxa bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet, u għalhekk li dawn il-klawżoli jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.